# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 ta' April 2024**

**Numru 7**

**Rikors numru 1049/2020/1**

**Total Care Laundry Limited (C 49375)**

**v.**

**Albert *sive* Robert Borg**

1. Din is-sentenza titratta l-appell tal-attriċi mis-sentenza li l-Qorti Ċivili, Prim'Awla tat fi-29 ta' Settembru 2022 li ddeċidiet li l-konvenut mhuwiex il-leġittimu kontradittur.

2. Il-kwistjoni meritu tal-appell il-partijiet hi dwar jekk il-konvenut huwiex il-leġittimu kontradittur. L-attriċi qiegħda tippretendi mingħandu ħlas ta'

€26,524.42 ta' servizz ta' *laundry* li tgħid li tatu fin-negozju li jiġġestixxi bl-isem Palm Court Hotel u Qawra Inn. Servizz mogħti bejn Lulju 2010 u Lulju 2011.

3. B'rikors maħluf preżentat fl-10 ta' Novembru 2020 l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' €26,524.42, bl-ispejjeż.

4. Il-konvenut wieġeb:

> *1. Illi qabel xejn l-esponenti qieghed jecepixxi li huwa ma hux legittimu kontradittur f'din il-kawza u bejn l-intimat u s-socjeta` attrici ma hemm l-ebda relazzjoni guridika. Fil-fatt l-iskrittura datata 29 ta' Marzu 2012 hija iffirmata ghan-nom ta' Palm Court Hotel liema hotel kienet gestita minn Qawra Inn Limited. Dan il-fatt kien ben saput mis-socjeta` attrici;*
>
> *2. Illi bla pregudizzju ghal dan, l-azzjoni hija wahda preskritta u dan a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
>
> *3. Illi l-azzjoni hija wahda ukoll intempestiva stante li fl-eventwalita` li l-ammont mitlub ma giex imhallas, ma gie miftiehem l-ebda terminu ghal-hlas;*
>
> *4. Illi fuq il-mertu, l-esponenti jitlob lill-Qorti li tichad it-talba tas-socjeta` attrici stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*
>
> *5. Illi l-esponenti lanqas qatt ma gie interpellat b'ittra ufficjali fir-rigward u ghalhekk zgur ma ghandux ibghati l-ispejjes ta' din il-kawza;*

5. Bis-sentenza tad-29 ta' Settembru 2022 l-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> *1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tiddikjara illi l-konvenut personalment ma hux il-leġittimu kontradittur fir-rigward tat-talbiet attriċi;*
>
> *2. Tiċħad għalhekk it-talbiet attriċi;*
>
> *Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi.*

6. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu dawn:

*"Is-soċjeta' attriċi issejjes il-kawża minnha intavolata fuq żewġ premessi.*

***L-Ewwel Premessa.***

*Fl-ewwel lok is-soċjeta' attriċi tippremetti illi hija "kkonsenjat servizzi lill-konvenut, li jiġġestixxi n-negozju bħala Palm Court Hotel gia Qawra Inn, bil-valur ta' €27,524.42....*

*Eżaminati l-provi imressqa il-Qorti tikkonsidra tali premessa bħala li m'għandix mill-verita.*

*Skond l-istatements u l-invoices eżebiti l-ebda wieħed minnhom ma jsejjaħ lill-konvenut personalment. (ara bħala eżempju statement datat 10 ta' April 2012 li juri bilanċ ta' €41,914.69 li jsejjaħ lis-soċjeta' European Airlines Ltd a fol 37 u 38 tal-proċess; statement datat 10 ta' Novembru 2011 li juri bilanċ ta' €373.74 li jsejjaħ lis-soċjeta' Qawra Inn Limited a fol 39 tal-proċess; statement datat 2 ta' Awissu 2010 li juri bilanċ ta' €5119.88 li jsejjaħ lis-soċjeta' Palm Court Ltd.)*

***It-Tieni Premessa****.*

*Stabbilit li l-ewwel premessa m'għandix mis-sewwa imiss issa li neżaminaw it-tieni premessa tas-soċjeta' attriċi fejn tippremetti "Illi l-partijiet daħlu fi skrittura privata datata 29 ta' Marzu 2012 u fl-20 ta' Frar 2020 ħallas €1,000 akkont ta' dan id-debitu u b'hekk il-bilanċ dovut huwa €26,524.42..."*

*Jiġi nnotat illi permezz tat-tieni premessa tagħha s-soċjeta' attriċi ma tippremettix illi permezz ta' dik l-iskrittura il-konvenut personalment assuma d-dejn tal-kumpaniji imsemmija iżda sempliċement li l-partijiet daħlu fi skrittura.*

*L-iskrittura li għaliha tagħmel referenza s-soċjeta' attriċi u li kopja tagħha tinsab eżebita a fol. 4 tal-proċess taqra kif ġej:*

*"29th March 2012*

*To Whom[e] it may concern.*

*Totalcare Laundry Ltd Reg No C49375 of registered address Entrance A, Door 1,2, Valletta Road Marsa, represented by Mr Christopher Aquilina and Mr David Aquilina as duly authorised in virtue of the Memonrandum and Articles of Association of the said Company, hereinafter referred to as "The Creditor"*

*And,*

*Mr Alber K/A Robert Borg, residing at White Star, Triq il-Latmija, Salina, Naxxar holder of identity Card number 838147M, who is appearing*

*hereon in the name, for and on behalf of Palm Court Hotel which has later changed name to Qawra Inn as dully authorised, hereinafter referred to as "The Debtor"*

*Whereas both parties are in agreement that as of today the 29th March 2012, The Debtor owes The Creditor €27,524.42 (Twenty-Seven Thousand Five Hundred and Twenty Four Euro and Fourty Two Euro Cents) such sum of money is entirely related to Laundry Service which the Creditor has over the years done to the Debtor. This due amount is for Laundry Service for the period between June 2010 and July 2011"*

*Huwa evidenti minn qari ta' din l-iskrittura illi għalkemm wara l-isem "Palm Court Hotel" ma tniżżlitx il-kelma "Limited" jew "Ltd", il-konvenut Albert Borg ma kienx qed jidher f'ismu proprju. Il-kliem "who is appearing hereon in the name, for and on behalf...." ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti illi tali frażi tikkontradixxi dijametrikament l-allegazzjoni u l-premessa tas-soċjeta' attriċi illi permezz ta' din l-iskrittura il-konvenut personalment iddikjara li huwa debitur tas-soċjeta' attriċi.*

*Tali konvinzjoni hija wkoll imsaħħa mill-fatt illi fl-istess skrittura jingħad illi s-somma bilanċjali dikjarata dovuta hija deskritta bħala "...entirely related to Laundry Service which the Creditor has over the years done to the Debtor. This due amount is for Laundry Service for the period between June 2010 u July 2011."*

*Jekk permezz ta' dik l-iskrittura s-soċjeta attriċi riedet illi l-konvenut personalment jassumi d-dejn tal-kumpaniji imsemmija id-diċitura riedet tkun ben diversa minn dik hemm adoperata.*

*In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tarax kif jista' qatt jiġi kkonsidrat illi dejn riżultanti kjarament li kien dovut mill-kumpaniji tal-konvenut isir dovut minnu personalment mingħajr l-eżistenza ta' skrittura li tipprovdi illi effettivament il-konvenut qed jassumi personalment id-dejn tal-kumpaniji imsemmija.*

*Il-pretensjoni tas-soċjeta' attriċi lanqas tista' titqies taħt it-titolu ta' novazzjoni.*

*Għaliex kif jipprovdu l-**Artikoli 1179 (b) u 1881 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta** hemm novazzjoni meta debitur ġdid bil-kunsens tal-kreditur jiġi mqiegħed minflok id-debitur il-qadim <u>li jiġi meħlus mill-kreditur.</u> Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni l-qadima ma tiġix maqtula, għalkemm tiġi mbiddla. It-tismija waħidha, magħmula mid-debitur, ta' persuna li għandha tħallas minfloku, ma ġġibx novazzjoni.*

*Lanqas tista' l-iskrittura imsemmija titqies bħala garanzija personali mogħtija mill-konvenut għad-dejn tal-kumpaniji tiegħu. **Artikolu 1925 tal-Kapitolu 16** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "Il-garanzija hija kuntratt li bih wieħed jintrabat lejn il-kreditur li jissodisfa l-obbligazzjoni ta' wieħed ieħor, jekk dan ma jissodisfahiex huwa nnifsu." Jekk il-garanzija ma ssirx*

*bil-miktub allura hija nulla (ara.* ***Paolo Inguanez vs Joseph Cremona*** *- Qorti tal-Appell - 25 ta' Ottubru 1954). L-iskrittura in kwistjoni la tirreferi għad-dejn dovut mill-kumpaniji fuq imsemmija u lanqas issemmi li l-konvenut personalment kien qed jidħol garanti tad-dejn tas-soċjetajiet. Jekk is-soċjeta' attriċi riedet li l-konvenut personalment ikun responsabbli għas-servizzi prestati lis-soċjetajiet tal-konvenut kellha almenu titolbu jiffirma dokument magħruf fil-qasam tal-kummerċ bħala "credit application form". Minn dan kollu ma għamlet xejn u minflok l-ewwel ħalliet il-kreditu jimmultiplika, imbagħad ippruvat li ddawwar id-dejn tal-kumpaniji fuq il-konvenut personalment billi fl-iskrittura tħalli barra l-kelma "Limited." (ara* ***Anthony Farrugia Company Limited vs Wallace Fino et****. - Qorti tal-Appell - 17 ta' Ġunju 1991;* ***Farsons Beverage Imports Company Limited vs Erom Trading Limited*** *- Prim' Awla - 11 ta' Marzu 2015)*

*Dawn il-konsiderazzjonijiet appena magħmula qed isiru għall-finijiet ta' kompletezza għaliex is-soċjeta' attriċi la tippremetti n-novazzjoni u lanqas il-garanzija personali solidali.*

*Stabbilit illi l-konvenut personalment ma hux il-leġittimimu kontradittur ma hux meħtieġ illi jiġu kkonsiderati wkoll l-eċċezzjonijiet l-oħra"*.

7. B'rikors preżentat fil-25 ta' Ottubru, 2022 l-attriċi appellat mis-sentenza filwaqt li l-konvenut wieġeb fl-4 ta' Ottubru, 2023.

8. L-attriċi tilmenta li:

i. Il-konvenut kien jitlob lill-attriċi biex tindirizza l-fatturi lil diversi kumpaniji li fihom hu involut, u meta jkollhom problemi finanzjarji jitlobhom jindirizzaw il-fatturi lill-kumpaniji oħra. Network ta' kumpaniji intiżi sabiex igħaddi r-responsabbiltajiet finanzjarji tal-ġestjoni tal-lukanda. B'hekk il-kuntrattur ma jsib xejn meta jiġi biex jitlob il-ħlas. Is-servizz ta' *laundry* ingħata lill-lukanda Palm Court jew Qawra Inn u l-konvenut kien jindika l-kumpanija li lilha l-attriċi għandha tindirizza t-talba għall-ħlas.

ii. L-iskrittura privata inkitbet minn Christopher Aquilina, direttur tal-kumpanija attriċi, u minnha hu ċar li l-konvenut deher f'ismu personali. Kieku l-partijiet kienu qegħdin jirreferu għall-kumpanija bħala debitriċi, kienu jsemmuha espressament kif issemmiet l-attriċi bħala kreditriċi. Fil-każ tal-attriċi ssemmiet u hemm ukoll in-numru ta' reġistrazzjoni tal-kumpanija. Il-konvenut kien kuntent li jiffirma l-iskrittura kif miktuba. Tant kien hemm kumpaniji involuti fil-lukanda li l-konvenut kien qiegħed jidher għal-lukanda u l-kumpaniji kollha. Is-servizz ingħata lil-lukanda u mhux lill-konvenut personalment. Il-konvenut ried servizz mingħand l-attriċi u pprova ma jħallasx billi jinvolvi laberint ta' kumpaniji. Għalhekk b'referenza għal dak li qalet l-Ewwel Qorti li l-konvenut ma kienx garanti tad-dejn, m'hemmx għalfejn l-involviment tad-debitur biex tingħata garanzija.

**<u>Konsiderazzjoni</u>.**

9. Fl-ewwel lok il-fatt li fin-negozju tiegħu l-konvenut kien jagħmel użu minn diversi kumpaniji li fihom kellu interess dirett, ma jfissirx li b'daqshekk kien qiegħed jagħmel biex jeludi d-dritt għall-ħlas ta' min kien qiegħed jagħti servizz.

10. Il-Qorti tagħmel referenza għal:

i. Kontijiet li l-kumpanija attriċi ħarġet lill-kumpanija Palm Court Limited, British Jet Ltd f'perjodi differenti. Kumpaniji li kien involut fihom il-konvenut u li b'xi mod jew ieħor kienu involuti fil-Palm Court Hotel li f'xi żmien imbagħad issemmiet Qawra Inn.

ii. F'skrittura privata datata 29 ta' Marzu 2012 li l-konvenut iffirma, jingħad li deher *".... in the name, for and on behalf of Palm Court Hotel which has later changed name to Qawra Inn as duly authorised, hereinafter referred to as 'The Debtor'"*. Fiha jingħad ukoll li hi dovuta s-somma ta' €27,524.42 lill-attriċi, li għaliha dehru Christopher u David Aquilina, *"..... related to Laundry Service which the Creditor has over the years done to the Debtor"*. Fl-iskrittura jingħad li s-servizz ingħata fil-perjodu bejn Ġunju 2010 u Lulju 2011.

iii. Rendikont ta' Marzu 2012 iffirmat mill-konvenut li fih jingħad li l-bilanċ dovut hu €27,524.42. Rendikont maħruġ mill-attriċi u indirizzat lil Qawra Inn. Christopher Aquilina, direttur tal-kumpanija attriċi, ikkonferma li Qawra Inn kien l-isem tal-lukanda li nbidel minn Palm Court Hotel.

iv. Fis-27 ta' Frar 2020 l-attriċi ħarġet rendikont indirizzat lil Palm Court Ltd, li fih jingħad li fadal bilanċ ta' €27,524.42 li minnhom tħallset is-somma ta' €1,000 permezz ta' ċekk fl-20 ta' Frar 2020.

11. Christopher Aquilina għall-attriċi xehed li l-konvenut iffirma l-iskrittura għan-nom ta' Palm Court Hotel, iżda peress li mhijiex kumpanija kien qiegħed jiffirma personalment. Palm Court Limited hi kumpanija u Christopher Aquilina stess ikkonferma li l-kontijiet inħarġu lilha. Qal ukoll li s-servizz dejjem ingħata lil xi kumpanija, (fol. 522). Fl-atti hemm ukoll korrispondenza bejn uffiċjali tal-attriċi u tal-kumpanija Palm Court Limited dwar ħlas ta' kontijiet fl-2008. Prova li tikkorrabora l-verżjoni li l-attriċi kienet tagħti servizz lil dik il-kumpannija u oħrajn. *Inoltre*, fl-iskrittura jingħad li l-ammont dovut hu fir-rigward ta' *"Laundry Service which the Creditor has over the years done to the Debtor"*. M'hemm l-ebda prova li s-servizz ta' *laundry* ingħata lill-konvenut.

12. Fi kliem Christopher Aquilina, l-iskrittura li ffirmaw saret minnu u ħuh. Meta l-konvenut iffirma hu evidenti li ma tax importanza lill-fatt li isem Palm Court Limited u n-numru ta' reġistrazzjoni ma jissemmewx, filwaqt li isem il-kumpanija attriċi u n-numru tagħha kienu jissemmew. Però mill-iskrittura hu ċar li l-konvenut kien qiegħed jidher bħala rappreżentant u li l-ammont dovut kien jirreferi għas-servizz ta' *laundry* li ngħata matul l-imsemmi perjodu lill-kumpanija.

13. Tant l-attriċi taf li r-relazzjoni tagħha kienet ma' Palm Court Ltd, li r-rendikont maħruġ fis-27 ta' Frar 2020 ħarġitu lil dik il-kumpanija u mhux

lill-konvenut. Veru li l-konvenut iffirma r-rendikont ta' Marzu 2012 li nħareġ lil 'Qawra Inn' u skont Christopher Aquilina dik il-firma saret fl-2020 u ftit wara tħallset is-somma ta' €1,000. Madankollu, jekk il-ftehim kien li l-konvenut jidħol personalment għad-dejn tal-kumpanija Palm Court Limited, ma ngħatatx spjegazzjoni għalfejn ir-rendikont datat 27 ta' Frar 2020 kien reġa' ġie indirizzat lil Palm Court Limited. L-iskrittura lanqas ma tagħti lill-Qorti x'tifhem li seħħet novazzjoni *ex parte debitoris*, minkejja li Palm Court Limited ma tissemmiex.

14. L-attriċi argumentat ukoll li l-konvenut kien daħal garanti għad-dejn. Però dan ir-raġunament iġib fix-xejn l-argument tal-attriċi li l-konvenut hu d-debitur prinċipali tal-attriċi. Jew debitur prinċipali jew garanti. Ilum l-attriċi qiegħda tgħid li s-servizz ingħata lil-lukanda. Jidher li nsiet li l-bażi tal-azzjoni tagħha hi li tat servizzi lill-konvenut b'valur ta' €27,524.42 (ara l-ewwel paragrafu tar-rikors maħluf).

15. L-argument tal-attriċi li s-servzz tatu lil-lukanda, hu żbaljat. Is-servizz jingħata lill-persuna. L-attriċi taf li s-servizz li dwaru qiegħed jintalab il-ħlas tatu lil Palm Court Limited, tant hu hekk li Christopher Aquilina qal li l-konvenut personalment responsabbli għaliex meta ffirma l-iskrittura kien deher f'ismu personali. Madankollu din il-Qorti taqbel mar-raġunament li għamlet l-Ewwel Qorti f'dak ir-rigward.

**<u>Deċiżjoni</u>.**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss